


# Niċeċ u Statwi fit-Toroq ta' Ħal Luqa

**Charles Attard**

Sa mill-qedem, il-Kult Reliġjuż f'pajjiżna kien dejjem fiċ-ċentru tal-ħajja tal-bniedem. Missirijietna ħasbu li, mhux biss jibnu kappelli u knejjes bl-isbaħ arkitettura u mżejna bl-aqwa opri tal-arti, imma wkoll żejnu t-toroq u l-faċċati tad-djar tagħhom b'niċeċ sbieħ iddedikati lill-qaddisin.

Ħafna minn dawn in-niċeċ u statwi li nsibu fit-toroq Maltin saru b'xi wegħda jew biex ifakkru xi ġrajja speċjali jew xi episodju li jkun għadda minn ħajjithom.

In-niċeċ kienu jservu wkoll biex jagħtu ftit dawl fit-triq meta l-elettriku f'pajjiżna kien għadu ma daħalx. Fil-fatt kull niċċa kellha fanal tal-ħadid mimli biż-żejt quddiemha li b'devozzjoni kienu jinxtegħlu.

Ta' interess ġenerali hu li meta kienet issir xi niċċa kienu jieħdu ħsieb ukoll li jitolbu li tingħata l-indulġenzi mill-Isqof jew mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi għad-devoti li jieqfu jitolbu quddiem dawn ix-xbihat. L-indulġenza kienet tfisser maħfra għal numru ta' ġranet mogħtija mill-knisja għal xi piena ta' dnubiet. F'Ħal Luqa nsibu wkoll niċeċ li kellhom marbuta magħhom l-indulġenzi. It-talb kien ikun billi jingħad b'devozzjoni tliet Ave Marijiet quddiem din ix-xbiha jew xi talb ieħor bħall-Kredu jew Salve Regina. Dan narawha permezz ta' skrizzjoni miktuba ġenerelamnet bil-Latin jew bil-Malti fuq lapida żgħira taħt in-niċċa.

F'Ħal Luqa nsibu madwar 25 niċċa u statwa mferxin mat-toroq ewlenin. Kien hemm oħrajn li biż-żmien inqerdu, kemm fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija u oħrajn bl-iżvilupp tal bini. L-aktar niċċa qadima li nisbu f'Ħal Luqa hija dik ta' San Pawl fl-Isqaq ta' Triq Sant'Andrija. Fil-fatt, taħt il-qaddis naraw is-sena 1758 minquxa, xhieda tal-qedem ta' din in-niċċa.

Kif wieħed jistenna d-devozzjoni lejn Sant'Andrija padrun ta' dan ir-raħal minn dejjem kienet qawwija. Insibu diversi statwi u niċeċ li għadhom iżejnu t-toroq ta Ħal Luqa. Oħrajn, illum spiċċaw, bħalma kienet l-istatwa ta' Sant'Andrija fil-pjazza, qabel ma ġġarrfet fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. Sfortunatament, illum, din l-istatwa ħadd ma jaf fejn tinstab. Madwar iz-zuntier tal-knisja wkoll kien hemm erba' statwi mill-isbaħ iżda dawn tneħħew matul iż-żmien. B'xorti tajba, l-istatwa ta' San Mikiel Arkanġlu u ta' Santu Rokku, li kienu saru fi żmien il-pesta, għadhom jitgawdew sal-lum peress li jinsabu fiċ-ċimiterju ta' Wied il-Knejjes.



Statwi madwar iz-zuntier qabel ma nbnew in-navi



San Pawl, Triq Sant'Andrija



Sant' Andrija, Pjazza Ħal Luqa



L-istatwa ta' San Mikiel li kienet quddiem iz-zuntier tal-Knisja



L-istatwa ta'Santu Rokku li kienet quddiem iz-zuntier tal-Knisja



Ċimiterju, Wied il-Knejjes



Sant 'Andrija, Triq il-Karmnu, tidher ukoll niċċa oħra




Skrizzjoni miktuba mal-pedestall ta' Sant'Andrija



Sant Andrija, Każin Għaqda Mużikali Sant'Andrija



Sant' Andrija, Triq San Ġużepp



Sant' Andrija, Triq il-Parroċċa



Niċċa Madonna tal-Karmnu, Triq San Pawl



Niċċa Madonna tad-Dawl



Skultura Madonna tad-Dawl



L-istatwa tal-Kunċizzjoni f'Misraħ il-Knisja



Madonna tal-Grazzja, Triq Ħal Tarxien



Madonna tal-Karmnu,
Triq San Ġużepp



Madonna bil-Bambin,
Triq Pawlu Magri



Madonna ta' Lourdes,
Triq il-Ġdida



San Ġużepp, Misraħ il-Knisja



San Ġużepp, Triq ir-Rixtellu



San Ġużepp, Triq il-Karmnu

Fit-toroq ta Ħal Luqa nsibu minn tal-inqas tliet niċeċ ta Sant'Andrija. Dawn insibuhom fi Triq San Ġużepp f'numru 44 fejn naraw din l-istatwa kopja tal-istatwa titulari ta' Ħal Luqa u turi s-sena 1865. Statwa oħra nsibuha fi Triq San Pawl f'numru 44. In-niċċa l-oħra nsibuha fil-faċċata tal-każin tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija. Din l-istatwa kienet saret fis-sena 1979 mill-istatwrju Michael Camilleri Cauchi u ħadet post statwa oħra ta' San Ġużepp li llum tinsab f'dar privata. Din in-niċċa tiddomina l-faċċata tas-Sede tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija Palazz Betsaida.

Statwa kbira ta' Sant'Andrija narawha tiddomina fi Triq il-Karmnu jew kif inhija magħrufa Wied il-Knejjes. Din l-istatwa kienet saret b'tifkira tal-ewwel Soċjetà Mużikali La Stella li kienet imwaqqfa f'dawn l-inħawi. L-istatwa għandha stil barokk u fiha qagħda inponenti. Il-qaddis narawh nofsu għeri jħaddan is-salib, simbolu tal-martirju tiegħu. Din l-istatwa hija magħmula minn ġebla waħda fejn l-iskultur wera t-talenti artistiċi tiegħu f'bosta angoli ta' din l-istatwa. Insemmu l-paneġġi, l-wiċċ tal-qaddis, il-leħja tiegħu, l-idejn u bosta dettalji oħra. Il-pedestal ta' din l-istatwa jikkonsisti f'ħames panewwijiet u l-parti ta' fuq tiegħu mżejjen b'ħames mazzetuni, flimkien ma' żewġ skrizzjonijiet.

Id-devozzjoni lejn Sidtna Marija taħt diversi titli f'Ħal Luqa ma tonqosx. Nibdew billi nsemmu niċċa kbira li kienet tinsab fit-tarf ta' Triq San Pawl. Din kienet forma ta' kamra b'erba' faċċati mżejna b'pilastri. F'din in-niċċa kienet meqjuma pittura tal-Madonna tal-Karmnu. Din in-niċċa kienet tneħħiet biex tinfetaħ triq u wara xi żmien kienet inbniet fil-ġenb tat-triq. Maż-żmien din tneħħiet ukoll iżda b'xorti tajba din il-pittura llum tinsab fil-mużew tal-knisja.

Tifkira oħra li llum ukoll tinsab fil-mużew tal-knisja ta' Ħal Luqa hija skultura tal-Madonna li kienet fin-niċċa tal-Madonna tad-dawl f'loġġa mibnija mill-Gran Mastru Manuel Pinto de Fonseca fis-sena 1741, bejn Ħal Luqa u Ħal Kirkop. Din l-iskultura tal-ġebel turi l-Madonna li b'idha l-leminija qed terfa' ruħ mill-infern u bix-xellugija qed iżżomm lil binha Ġesù flimkien ma' żewġ anġli li qed iżommu l-kuruna tal-Madonna u fejn riġlejha naraw lil San Duminku. Ma' din il-loġġa kien hemm ukoll l-istatwi ta' San Pietru u Sant'Andrija.

F'Misraħ il-Knisja nsibu statwa kbira tal-Kunċizzjoni li tinsab fuq pedestall tal-ġebel. L-istatwa, għalkemm ma nafux min hu l-iskultur tagħha, saret fuq inizjattiva tal-arluġġar magħruf Mikiel Ang Sapiano u għandha xogħol irfinut fil-ġebla. Il-Madonna narawha liebsa mantell nieżel fuq id-driegħ tal-lemin b'idha fuq sidirha. Fis-sena 1879 l-Isqof Carmelo Scicluna ta l-indulġenzi lil kull min jieqaf jitlob quddeimha.

Fi Triq Ħal Tarxien insibu niċċa daqsxejn kbira tal-Madonna tal-Grazzja, statwa li hija replika tal-istatwa titulari ta' Ħaż-Żabbar. Taħt naraw lapida żgħira bl-għoti tal-indulġenzi għal kull min jieqaf jitlob quddiemha mogħtija mill-Arċisqof Dun Mauro Caruana fis-sena 1920.

F'kantuniera bejn Triq San Ġużepp u Triq il-Ġdida nsibu niċċa b'xogħol irfinut u sabiħ iddedikata lill-Madonna tal-Karmnu liebsa l-abiti tal-Karmelitani. Ma' din l-istatwa ukoll hemm marbuta l-indulġenzi għal kull min jitlob quddiemha. Fi triq il-Ġdida nsibu niċċa oħra iddedikata lill-Madonna ta' Lourdes.

Insibu wkoll devozzjoni lejn San Ġużepp. F'Misraħ il-Knisja naraw niċċa ta' San Ġużepp kif ukoll fi Triq ir-Rixtellu naraw niċċa oħra ta' San Ġużepp ferm partikolari u sabiħa fl-injam, maħduma b'sengħa u b'xogħol sabiħ ta' skultura. Interessanti li f'din l-istatwa, il-Bambin mhux qiegħed f'ħoġor San Ġużepp imma ħdejn saqajh.

F'Ħal Luqa nsibu wkoll niċeċ u statwi oħra ta' Sidna Ġesù Kristu u ta' qaddisin


San Ġużepp, Triq Pawlu Magri


San Ġorg, Triq Santa Marija


Qalb Ta Gesu, Triq San Ġorġ


San Milkiel, Triq San Ġużepp



Santu Rokku, Triq Valletta


Santu Rokku, Sqaq Tal-Karmnu


Is- Salvatur, Triq Valletta


Iċ-ċimiterju ta' San Tumas

oħra. Insibu niċċa ddedikata lil San Ġorġ fi Triq Santa Marija fejn narawh bil-libsa ta' gwerrier bil-palma tal-martirju f'idu. Ftit il fuq, hekk kif iddur għal Triq San Ġorġ, insibu niċċa ddedikata lill-Qalb ta' Ġesù u fi Triq San Ġużepp niċċa għal San Mikiel li tmur lura ħafna fiż-żmien.

Fi Triq Valletta nsibu niċċa ta' Santu Rokku li wkoll għandha l-indulġenzi marbuta magħha. Santu Rokku hu l-protettur mill-pandemiji. Statwa oħra ta' dan il-Qaddis inisbuha fi Triq il-Karmnu. Aktar l-isfel, int u dieħel Ħal Luqa mit-telgħa tal-Marsa, nsibu niċċa tas-Salvatur fuq ix-xellug fi Triq Valletta. Din in-niċċa saret fis-seklu dsatax tant li fis-sena 1895 kienu ġew mogħtija indulġenzi lil kull min jieqaf jgħid talba quddiemha. L-istatwa tas-Salvatur hija replika tal-istatwa titulari li nisbu fil-knisja parrokjali ta' Ħal Lija.

Fin-naħa l-oħra tar-raħal insibu ċimiterju fi Triq San Tumas, illum imdawwar b' ħafna bini. Fuq il-kanċell ta' dan iċ-ċimiterju sal-llum għadha tidher statwa ta' San Tumas filwaqt li fil-ġnub naraw żewġ statwi ta' San Pietru u San Pawl. F'dawn in-naħat fl-antik kien hemm ukoll statwa ta' San Pawl ma' ħajt ta' razzett imma nqerdet bl-iżvilupp bħalma ġralha l-kappella tal-Madonna tal-Karmnu li kienet f'dawn l-inħawi. F'Ħal Luqa nsibu niċeċ oħra b'mod speċjali ma' djar privati li sfortunatament huma vojta. Id-dawra tagħna tispiċċa bi statwi oħra li nsibu fuq il-faċċata tal-knisja parrokkjali u kappelli oħra madwar Ħal Luqa.



L-istatwa tar-Redentur flimkien ma' żewġ statwi li jirappreżentaw il-Fidi u t-Tama

B'mod pożittiv, dan l-aħħar ,il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa ħa l-inizjattiva sabiex jiġu restawrati tliet niċeċ u l-istatwa tal-Kunċizzjoni f'Misraħ il-Knisja. In-niċeċ tal-qaddisin mad-djar fit-toroq l-aktar antiki tal-ibliet u irħula tagħna huma parti mill-identità nazzjonali, kulturali u devozzjonali tagħna l-Maltin. Għalhekk aħna lkoll fid-dmir li nippreservaw dan il-patrimonju tagħna.

**Referenzi**

*Niċeċ u statwi fit-Toroq* Maltin, Tony Terribile.
*Ħal Luqa - Niesha u Ġrajjietha*, Dun Ġużepp Micallef.
*370 sena Parroċċa Sant'Andrija*, Ħal Luqa.
*Madonna tad-Dawl*, Carmen Lija, Ktieb Festa 2013.



Kapella San Gakbu, Ħal Luqa



Kapella tal-Vittorja